MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 107/2002/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**v.**

**Tabone Computer Centre Ltd**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell minn sentenza tal-Prim Awla Qorti Civili datata 2 ta’ Gunju 2005. L-appellanti Tabone Computer Centre Ltd qed titlob ir-revoka ta’ dik is-sentenza billi jigu michuda t-talbiet tal-korporazzjoni attrici.

2. Permezz ta’ att ta’ citazzjoni pprezentat fit-30 ta’ Jannar 2002, quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, il-Korporazzjoni Enemalta ippremettiet u talbet illi:-
**“Premess illi s-socjeta` konvenuta esegwiet xogholijiet ta’ thaffir u kostruzzjoni f’Misrah il-Barrieri, St. Venera, fejn gew mikxufin xi ‘cables’ ta’ l-elettriku, proprjeta` tal-korporazzjoni attrici;**

**“Premess illi dawn il-‘cables’ huma sospizi fl-arja b’mod irregolari ghall-ahhar u qed jikkagunaw danni ghall-korporazzjoni attrici, kif ukoll huma ta’ periklu serju hafna ghall-pubbliku in generali u ghall-haddiema ta’ fuq il-post;**

**“Premess illi dan l-istat ta’ fatt ilu jezisti ghal-bosta snin, u ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi, inkluzi protesti gudizzjarji datati Jannar 1999, u April 2001, sabiex taghmel ix-xogholijiet kollha necessarji biex l-imsemmi ‘cable’ jerga’ jintradam u ma jibqax ikun ta’ periklu, din xorta baqghet inadempjenti;**

**“Premess illi dan l-istat ta’ fatt, jikkostitwixxi reat permanenti ai termini ta’ l-artikolu 326(2)(a) tal-Kap. 9. tal-Ligijiet ta’ Malta;**

**“Premess ukoll, illi tali agir irresponsabbli da parti tas-socjeta` konvenuta, qieghed jikkawza danni u pregudizzju konsiderevoli lill-korporazzjoni attrici, izda fuq kollox huwa ta’ periklu serju hafna ghas-sahha tal-pubbliku in generali;**
**“Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta l-ghaliex ghar-ragunijiet premessi m’ghandhiex din il-Onorabbili Qorti:**

**“1. Tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghall-agir illegali u abbuziv suriferit fuq l-imsemmi ‘cable’, proprjeta` tal-Korporazzjoni Enemalta; 2. Tordna lis-socjeta` konvenuta taghmel dawk ix-xogholijiet necessarji sabiex terga’ tirripristina l-istat originali ta’ l-imsemmi ‘cable’ u**

**ghalhekk jitnehha kull periklu li gia hemm u li jista' jkun hemm; u 3. fin-nuqqas, tawtorizza lill-Korporazzjoni Enemalta taghmel l-istess xogholijiet rimedjali, ghas-spejjez tas-socjeta` konvenuta;**

**"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protesti gudizzjari pprezentati mill-korporazzjoni attrici, f'Jannar 1999 u April 2001, u l-imghaxijiet relattivi kontra s-socjeta` konvenuta, minn issa ingunta ghas-subizzjoni."**

3. Illi permezz ta' nota' ta' eccezzjonijiet ipprezentata fit-28 ta' Frar 2002 (fol. 10), is-socjeta` konvenuta eccepiet:

**"Illi s-socjeta` konvenuta qatt ma kienet is-sid u m'ghamlet assolutament xejn minn dak li gie addebit ghaliha [recte: addebitat lilha] fil-korp tac-citazzjoni u konsegwentement ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-korporazzjoni attrici."**

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

4. Permezz ta' decizjoni moghtija, kif inghad, fit-2 ta' Gunju 2005, il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta, u laqghet it-talbiet kollha attrici u ffissat terminu perentorju ta' tletin (30) jum sabiex is-socjeta` konvenuta taghmel ix-xoghol necessarju sabiex terga' tirripristina l-istat originali tal-imsemmi 'cable' u tnehhi kull periklu li hemm, u awtorizzat lill-korporazzjoni attrici sabiex fin-nuqqas taghmel ix-xoghol kollu mehtieg hi a spejjez tas-socjeta` konvenuta. Din il-qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Jirrizulta li go Misrah il-Barrieri, Santa Venera, kien hemm, taht it-triq, diversi *cables* tal-elettriku. Il-*cables* kienu mirduma taht it-triq u kien hemm xi *packing* u hamrija bejn il-*cables* u l-wicc tat-triq. Ma' genb it-triq hemm zewg siti li qed jigu zvillupati. L-izvillup sar billi sar skavar fis-sit ghall-fond ta' madwar zewg sulari. Jidher li waqt l-iskavar, ix-xoghol dahal ftit fit-triq, b'mod li inkixfu l-*cables* u thallew jiddendlu fil-hofra li giet skavata fis-siti.

Jidher li kien hemm xi problemi mal-Awtorita` tal-Ambjent u l-Ippjanar dwar il-permess tal-izvillup, peress li s-sit baqa' mhux zvillupat sal-lum. Il-hofra skavata baqghet tidher, u l-istess ghadhom jidhru l-*cables* imdendla. Sit minn dawk skavati kien ta' proprjeta` ta' Attard Bros, u meta l-inginiera tal-Korporazzjoni Enemalta kellmu lill-perit taghha, sar arrangament kif il-*cables* mikxufa f'dak is-sit jigu protetti; ix-xogholijiet mehtiega, fil-fatt, saru u l-problema f'dak is-sit giet solvuta.

"Il-*cables* fis-sit adjacenti kienu u ghadhom mikxufa. Is-Sur Joe Tabone, direttur tas-socjeta` konvenuta, gie mitlub kemm-il darba biex jiehu hsieb il-*cables*, izda ghalkemm wieghed li kien se jirranga, baqa' jittratjeni u, fil-fatt, sal-lum il-*cables* baqghu mikxufa u mdendla. Is-socjeta` mharrka, li hija socjeta` ta' Joe Tabone, issa qed tissottometti li hi m'ghandhiex x'taqsam ma' dak allegat. Jidher li l-allegazzjoni hi bazata fuq il-fatt li l-art *in kwistjoni* mhiex tas-socjeta` konvenuta, izda tas-socjeta` Access Ltd, li hi kumpanija ohra ta' Joe Tabone. Hu wera li l-applikazzjoni ghall-permess biex jizvillupa s-sit intefghet fuq isem Access Ltd, u li s-socjeta` konvenuta ghandha blokk bini biswit dan is-sit, pero`, mhiex il-proprjetarja tas-sit fejn jidhru l-*cables* mikxufa. Ma gew esebiti ebda kuntratti jew ricerki li juru min hu l-proprjetarju tal-art *in kwistjoni*.

"Mid-dokumenti esebiti, jirrizulta li meta zviluppat il-hsara, ghal-habta tal-1995, il-korporazzjoni kitbet ittra fis-7 ta' Settembru, 1995, lil-*"Mr. J. Tabono, Managing Director, Tabone Computer Centre"*; ittra ohra intbaghatet bl-istess mod fid-29 ta' Jannar, 1996. Joseph Tabone irrisponda b'nota tal-25 ta' Marzu, 1996, u fiha ma cahadx ir-responsabilita` tal-kumpanija, izda qal biss *"PAPB permits have been re-issued with new adjustments and our contractor will start works soon"*. B'dan il-mod, is-Sur Tabone, f'isem is-socjeta` interpellata, li hi s-socjeta` konvenuta, accetta li jaghmel ix-xoghol mehtieg biex il-*cables* jigu protetti u ma jibqghux imdendla. Kwindi, l-istess socjeta` konvenuta ma tistax, issa, issostni l-posizzjoni li hi m'ghandhiex x'taqsam mal-kwistjoni. Jista'

jkun li hi mhux il-proprjetarja tas-sit, pero`, accettat li taghmel tajjeb ghall-hsara.

“Peress li x-xoghol mis-socjeta` konvenuta baqa’ ma sarx, il-Korporazzjoni regghet kitbet lis-socjeta`, *attention Mr. Joe Tabone*, fit-13 ta’ Frar, 1998, u fit-12 ta’ Marzu, 1998. Fil-frattemp, kienu saru diversi telefonati u inkontri bejn ufficcjali tal-Korporazzjoni attrici u s-Sur Tabone, u fil-waqt li dan tal-ahhar kien dejjem iwieghed li se jaghmel ix-xoghol mehtieg, qatt ma indika li hu jew il-kumpanija interpellata ma kellhomx x’jaqsmu. Wara li ircieva z-zewg ittri fuq imsemmija, s-Sur Tabone wiegeb b’ittra tat-18 ta’ Marzu, 1998, <u>fuq letter-head tas-socjeta` konvenuta</u>. F’din l-ittra hu qal li *“we are awaiting the necessary building permits from the Planning Authority so that we can build the site in Carob street, St. Venera, and cover the cable which is passing nearby”*. Hu veru li ma’ din l-ittra baghat kopja tal-*acknowledgement* tal-applikazzjoni ghall-permess li hu kien ghamel f’isem Access Ltd, pero`, ghal darba ohra, kien f’isem is-socjeta` konvenuta li hu obbliga ruhu *“to cover the cable which is passing nearby”*. Jista’ jkun li permess ghall-izvillup hareg fuq u l-izvilupp innifsu kien sejjer issir mill-kumpanija Access Ltd, pero`, is-socjeta` konvenuta kienet giet interpellata tirrimedja ghal-hsara fil-*cables*, u dik l-istess socjeta`, ghal darba ohra, accettat li tiehu hsieb l-kwistjoni tal-*cables*.

“Din il-Qorti tapprezza li kull kumpanija ghandha personalita` guridika indipendenti wahda minn ohra, u hija ukoll *“persuna”* indipendenti mill-membri li jikkomponuha, pero`, din il-personalita` guridika indipendenti m’ghandhiex tintuza biex dak li jkun jipprova jehles mir-responsabilitajiet tieghu. La darba s-socjeta` konvenuta, *tramite* d-direttur taghha, accettat li taghmel tajjeb ghall-hsara fil-*cables*, ma tistax issa tipprova thawwad u tikkonfondi s-sitwazzjoni billi tghid li l-art mhux proprjeta` taghha u lis-skavar ma sarx minnha. Gie deciz minn dawn il-Qrati (ara <u>“Formosa vs Felice”</u>, decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Ottubru, 1999) li l-fatt li l-proprjeta` tal-art tkun ta’ *“persuna”*, mhux necessarjament isegwi li kull kuntrattazzjoni li tolqot dik l-art torbot lil dik il-*“persuna”*. *“Il-kuntratt ta’ appalt”* qalet

dik l-Onorabbli Qorti, *“ma jista’ jigi bl-ebda mod relatat mal-proprjeta` tal-fond li fih ix-xogholijiet kellhom jigu, kif fil-fatt, gew esegwiti”*. Indipendentement minn ta’ min hi l-art u min ghamel l-iskavar, jirrizulta car li s-socjeta` konvenuta assumiet l-obbligu li tiehu hsieb tirranga l-*cables* mikxufa. Is-socjeta` konvenuta ilha mill-1995 tigi intimata biex tirranga l-*cables*, u minn dik is-sena sakemm infethet il-kawza, hi qatt ma indikat li ma kelliex x’taqsam mal-kwistjoni u anzi, zgur f’zewg okkazzjonijiet, tat x’tifhem li assumiet ir-responsabilita` billi obbligat ruhha li taghmel tajjeb ghall-hsara lamentata. Huwa obbligu ta’ kull *“persuna”* li taghmel cara l-posizzjoni taghha waqt il-kontrattazzjoni (“Grima Communications Ltd vs Farrugia”, decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-5 ta’ Marzu, 2003), u jekk din mhux biss tippermetti li tibqa’ tinnegozja bla ma taghmel ebda osservazzjoni dwar il-posizzjoni taghha fir-rigward, izda, anzi, taccetta l-proposizzjonijiet indirizzati lejha u tobbliga ruhha fir-rigward ta’ dak propost lilha, ma tistax wara tallega li hi m’ghandha x’taqsam xejn mal-kwistjoni.

“L-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta qed tigi, ghalhekk, respinta. Ghall-bqija, it-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jkunu milqugha.

“Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet sollevati, u tilqa’ t-talbiet kollha attrici kif dedotti, u ghal-fini tat-tieni u t-tielet talba tiffissa terminu perentorju ta’ tlettin (30) jum mil-lum, biex is-socjeta` konvenuta taghmel ix-xoghol necessarju sabiex terga tirripristina l-istat originali tal-imsemmi *cable* u tnehhi kull periklu li hemm; fin-nuqqas li s-socjeta` konvenuta tottempera ruhha ma’ din l-ordni fiz-zmien hawn impost, il-Korporazzjoni attrici hija awtorizzata, minn issa stess, taghmel ix-xoghol kollu mehtieg hi a spejjez tas-socjeta` konvenuta.

“L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mis-socjeta` konvenuta.”

**L-appell ta’ Tabone Computer Centre Limited**

5. B’rikors ipprezentat fit-22 ta’ Gunju 2005, is-socjeta` konvenuta appellat mis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta’ Gunju 2005. Dan ir-rikors tal-appell huwa bbazat essenzjalment fuq zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens illi ghalkemm l-azzjoni attrici kienet ibbazata fuq il-premessa illi s-socjeta` konvenuta kienet ezegwiet xogholijiet ta’ thaffir u konstruzzjoni f’Misrah il-Barrieri, Santa Venera fejn gew mikxufin ‘cables’ tal-elettriku proprjeta` tal-korporazzjoni attrici, dan il-fatt, illi kien ikkontestat mis-socjeta` konvenuta, ma giex ippruvat mill-korporazzjoni attrici u ghalhekk il-Prim Awla ma’ setghetx tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha. It-tieni aggravju tas-socjeta` konvenuta huwa illi l-ewwel qorti zbaljat meta attribwiet ir-responsabilita` lilha u dan a bazi ta’ ittra mibghuta minn Joseph Tabone, fuq *letterhead* tas-socjeta` konvenuta datata 18 ta’ Marzu 1998.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

6. Illi l-ewwel fatt illi ghandu jigi konsiderat minn din il-Qorti huwa jekk il-korporazzjoni attrici irnexxilhiex tipprova dak li hija ppremettiet, ovvero jekk kienitx jew le s-socjeta` konvenuta illi ezegwit xogholijiet ta’ thaffir u kostruzzjoni f’Misrah il-Barrieri f’Santa Venera. L-appellanti qed tibbaza dan l-aggravju fuq il-konsiderazzjoni illi hadd mix-xhieda ma qal illi s-socjeta` konvenuta haffret xi proprjeta` u li anzi l-uniku thaffir illi sar kien minn Attard Brothers.

7. Din il-qorti ma’ tistax taqbel ma’ dak illi qed tissottometti s-socjeta` appellanti u dan ghas-segwenti ragunijiet. L-ewwelnett ghandu jigi rilevat illi l-unici provi illi gew sottomessi waqt it-trattazzjoni tal-kawza quddiem l-ewwel qorti kienu l-provi tal-korporazzjoni attrici – inkluza, naturalment, id-dikjarazzjoni guramentata ta’ Silvio Decelis (fol. 3) flimkien mac-citazzjoni – u illi ghalhekk, ghalkemm kif tghid l-appellanti fir-rikors tal-appell taghha, il-piz tal-prova jispetta lill-korporazzjoni attrici, meta fil-fatt din il-prova ssir imqar fuq bazi *prima facie* (kif effettivament saret bid-dikjarazzjoni guramentata ta’ Silvio Decelis u d-deposizzjoni ta’ Reuben Borg (fol. 23 *et seq.*)), l-oneru tal-prova jisposta ruhu ghal fuq is-socjeta`

konvenuta biex tirribatti tali prova. Dan ma sarx mis-socjeta` appellanti.

8. Minbarra dan, is-socjeta` appellanti mhux qed tkun leali fil-aggravji taghha ghaliex jidher b'mod car mill-provi prodotti mill-korporazzjoni attrici illi ma kienx hemm sit wiehed biss li kien qed jithaffer f'Misrah il-Barrieri, Santa Venera izda kien hemm zewg siti. Sit wiehed kien qieghed jigi mhaffer minn Attard Brothers. Kwantu ghas-sit l-iehor, il-fatt li l-korporazzjoni attrici dejjem zammet, kemm meta avvicinat lil Joseph Tabone kif ukoll meta kkorrispondiet mieghu, lis-socjeta` konvenuta bhala responsabbli ghall-izvilupp li kien sar u din qatt ma cahditu (hlief fid-dikjarazzjoni guramentata annessa man-nota ta' l-eccezzjonijiet), jammonta, fil-fehma ta' din il-Qorti, ghal prova, ankorke indiretta, li x-xoghol kien effettivament sar fuq struzzjonijiet ta' l-imsemmija socjeta` konvenuta appellanti. Ix-xhud l-Inginier Reuben Borg fix-xhieda tieghu a fol. 23 *et seq.* tal-process jghid: *"Qed nirreferi ghal skavar li qed isir go sit, go Misrah il-Barrieri, St. Venera. Mill-informazzjoni li ghandna, dan is-sit huwa tas-Sur Tabone, ta' Computer Centre Limited."* Iktar il-quddiem jghid: *"Kull meta jien kont inkellmu s-Sur Tabone kien dejjem jghidli li ghandu jiehu hsieb, dejjem kien iweghdna li kien se jirranga l-affarijiet, pero` fil-fatt, qatt ma ghamel xejn."* Aktar minn hekk in kontro-ezami dan ix-xhud jikkonferma din il-verzjoni u jghid: *"Dawn il-cables kienu gew esposti fiz-zewg siti. Dwar is-sit l-iehor, kellimna lis-sid tas-sit u konna rrangajna mieghu, u l-parti l-ohra fejn gew esposti, kienet is-sit tas-Sur Tabone, u dan kif ghedt baqa' ma rrangax."* Fl-ahhar dan ix-xhud jikkonkludi illi *"Kienu s-superjuri tieghi li qaluli li s-sid ta' dik is-sit huwa s-Sur Tabone, u fil-fatt, meta kellimtu, lis-Sur Tabone fuq il-kwistjoni tal-cables, qatt ma cahad li l-art mhux tieghu."*

9. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax ma tikkonfermax dak illi gie konkluz mill-ewwel qorti illi kien hemm zewg siti, l-ewwel sit illi gie mhaffer minn Attard Brothers, fejn anke gew esposti xi cables, izda f'dan il-kaz kienu saru x-xogholijiet necessarji, u sit iehor tas-socjeta` konvenuta fejn kienu wkoll gew esposti xi cables u fejn ma sarux ix-

xogholijiet necessarji. Ghaldaqstant dan l-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti qieghed jigi michud.

10. It-tieni agravju tas-socjeta` appellanta jikkonsisti fil-fatt illi l-ewwel qorti attribwiet responsabbilta` lis-socjeta` konvenuta a bazi ta' ittra miktuba minn Joseph Tabone fuq *letterhead* tas-socjeta` konvenuta datata 18 ta' Marzu 1998 (fol. 28). Dan l-aggravju huwa mbaghad imqassam f'erba' punti. L-ewwel punt ta' dan l-aggravju huwa illi skond l-appellanti r-responsabbilta` tas-socjeta` konvenuta giet deciza mill-ewwel qorti a bazi ta' din l-ittra biss, u illi ghalhekk minhabba l-fatt illi l-korporazzjoni appellata ma bbazatx il-kawza fuq il-kontenut tal-ittra izda bbazat il-kawza fuq il-fatt illi s-socjeta` konvenuta skavat, l-ewwel qorti ddecidiet "ultra petita" meta bbazat d-decizjoni dwar ir-responsabbilta` fuq din l-ittra. Is-socjeta` appellanti kkonkludiet dwar dan il-punt billi qalet illi gialadarba ma giex ippruvat illi kienet is-socjeta` attrici illi skavat, r-responsabbilta` ma setghetx tigi deciza fuq din l-ittra in kwistjoni. Rigward dan l-ewwel punt, din il-Qorti tirreferi ghal dak illi qalet fil-kuntest ta' l-ewwel aggravju u li ghalhekk minhabba l-fatt illi fil-fehma ta' din il-Qorti jinsab sodisfacentement pruvat illi kienet is-socjeta` konvenuta illi effettwat dan l-iskavar, dan l-ewwel argument fil-kuntest tat-tieni aggravju ma jaghmilx sens.

11. It-tieni punt (jew argument) maghmul mis-socjeta` konvenuta huwa illi din l-ittra ma tistax tigi interpretata bhala accettazzjoni ta' responsabbilta` min-naha tas-socjeta` konvenuta ghaliex flimkien ma' din l-ittra intbaghtet kopja ta' ircevuta ghall-applikazzjoni ghal zvilupp li fil-fatt saret mis-socjeta` Access Limited. Skond l-appellanti, minn din l-applikazzjoni l-Korporazzjoni Enemalta kellha tikkonklludi illi kienet Access Limited illi fil-fatt kienet l-proprjetarja tas-sit in kwistjoni. Fir-rigward ta' dan il-punt, il-Qorti taghmel referenza ghas-seba' dokumenti li gew ezibiti mill-Korporazzjoni attrici u mmarkati minn Dok. ENE 1 sa Dok. ENE 7 u li jinsabu a fol. 28 sa fol. 34 tal-process. L-ittra datata 18 ta' Marzu 1998, illi s-socjeta` appellanti issa qeghda tissottometti illi ntuzat biss ghal finijiet ta' 'konvenjenza' mis-Sur Joseph Tabone, hija minghajr l-ebda dubju *letterhead* tas-socjeta`

Tabone Computer Centre Limited u hija miktuba mill-konvenut Joseph Tabone, li f'din il-ittra jghid *" We would like to inform you that we are awaiting the necessary building permits …"* B'dawn il-kliem, il-konvenut qieghed jghid kjarament illi huma bhala socjeta` (ghalhekk l-uzu tal-"we") kienu qeghdin jistennew din l-applikazzjoni ghall-ippjanar. Mill-banda l-ohra, meta wiehed jara l-"acknowledgement of receipt of Application for Development Permission" isib li din hi mibghuta mill-MEPA lill-imsemmi Joseph Tabone in rappresentanza ta' Access Limited. Ghalhekk ghandna sitwazzjoni fejn il-konvenut Joseph Tabone f'din il-kawza gie dejjem interpellat (mill-korporazzjoni attrici) u wiegeb f'isem Tabone Computer Centre Limited, filwaqt illi l-applikazzjoni ghal ippjanar saret mill-istess Joseph Tabone izda f'isem Access Limited.

12. Din il-Qorti hi tal-fehma li dan l-argument tas-socjeta` appellanti ma jistax iwassal ghal fejn trid l-istess socjeta`, ghaliex meta jkun hemm persuna li qed tittratta ma' terzi, kif fil-kawza in ezami kien hemm korrispondenza bejn il-partijiet, huwa l-obbligu ta' din il-persuna li tindika bl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi, f'isem liema socjeta` hija tkun qeghda titratta. Meta l-korporazzjoni appellata rceviet l-ittra datata 18 ta' Marzu 1998 minghand il-konvenut Joseph Tabone fuq *letterhead* tas-socjeta` Tabone Computer Centre Ltd., il-korporazzjoni kellha kull dritt tipprezumi illi l-art in kwistjoni kienet proprjeta` ta' Tabone Computer Centre Ltd. Jekk dan ma kienx il-kaz, kien jinkombi fuq is-socjeta` konvenuta illi ticcara l-posizzjoni taghha. Izda mid-dokumenti li gew ipprezentati u anke mix-xhieda prodotti, s-socjeta` appellanti qatt ma qalet illi dik l-art ma kienitx proprjeta` taghha jew li hija ma kienitx responsabbli ghal dak li sar. Dan il-principju gie enuncjat mill-qrati taghna bosta drabi. Hekk fil-kawza fl-ismijiet "**Frank Cilia noe. vs Charles Scicluna**" (Cit Nru 1337/90/JDC), deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1992, intqal: *"Illi hija haga mil-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem*

*haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni … … … Il-Qorti ssaqsi:- Meta l-konvenut induna li d-dokumenti mibghuta mis-socjeta` attrici (invoices, statements, ittri) ma kienux qeghdin jindikaw lil min, skond hu, kien verament obbligat, ghaliex ma ssenjalax dan il-fatt mill-ewwel lis-socjeta` attrici biex il-patti jkunu kjari mill-bidu nett? Ghaliex stenna li ssir din il-kawza biex zeffen fin-nofs lis-socjeta` tieghu, li issa jiddikjara li ma ghandhiex fondi?".* A bazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti qieghda tichad it-tieni punt ta' dan l-aggravju.

13. Fit-tielet punt ta' dan il-aggravju, is-socjeta` appellanti qeghda tissottometti illi l-import tal-ittra qatt ma jista' jwassal ghal assunzjoni tal-obbligu. In sostenn ta' din is-sottomissjoni, l-appellanti tipprova tispjega numru ta' fatti, liema fatti, izda, mhux biss ma gewx ippruvati quddiem l-ewwel qorti izda lanqas gew hemm imsemmija. Il-punt centrali tal-kwistjoni kollha huwa li matul dawn is-snin kollha li fihom il-korporazzjoni attrici ghamlet kuntatt mas-socjeta` appellanti tramite is-sur Joseph Tabone, din ta' l-ahhar qatt ma semmiet jew qalet illi dan is-sit mhuwiex proprjeta` taghha -- anzi l-kliem tal-ittra datata 18 ta' Marzu 1998 jaghtu impressjoni differenti. Din il-Qorti ma temminx illi kieku s-socjeta` konvenuta ma kienitx propretarja tas-sit u ma kienitx responsabbli ghall-iskavar, ma kienitx tinforma lil Korporazzjoni b'dan il-fatt minnufih. Hadd ma' jikteb jew jassumi responsabbilta` f'sitwazzjoni li ghaliha m'ghandux htija. Ghaldaqstant anke dan l-argument qieghed jigi respint.

14. Fl-ahhar punt taghha, s-socjeta` appellanti tissottometti illi anke jekk, ghall-grazzja tal-argument, jigi meqjus illi b'din l-ittra saret assunzjoni ta' obbligazzjoni, din kienet obligazzjoni kondizzjonata ghal fatt illi x-xogholijiet sabiex il-'cables' in kwistjoni jitghattew isiru biss meta jinhareg il-permess ghal izvilupp u jsir dan l-izvillup. L-appellanti ghalhekk tissottometti illi l-obligazzjoni taghha kienet wahda kondizzjonata. Din il-Qorti ma taqbilx. B'dik l-ittra is-socjeta` konvenuta kienet qed tassumi r-responsabbilta` -- mhux tidhol f'xi obbligazzjoni -- li hi kienet responsabbli ghal dawk il-'cables' mikxufin, u kienet

semplicement qed tghid li trid tistenna li jinbeda zvilupp shih qabel ma terga’ tpoggi dawk l-istess ‘cables’ fl-istat li kienu fihom. Kjarament il-korporazzjoni attrici ma kienitx obbligata li toqghod tistenna dan l-izvilupp izda, korrettement, ipprocediet biex il-hsara kagunata titranga u l-perikolu jitnehha bla aktar dewmien. Ghalhekk anke dana l-argument qed jigi respint.

**<u>Decide</u>**

15. Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. It-terminu perentorju ta’ tletin (30) gurnata jibda jiddekorri mil-lum. L-ispejjez ta’ dana l-appell jithallsu mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------